## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Mejju 2009 — KME Germany et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-127/04)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tat-tubi industrijali tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-swieq — Multi — Impatt reali fuq is-suq — Daqs tas-suq ikkonċernat — Dewmien tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni")***

(2009/C 153/62)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* KME Germanuyy AG, li qabel kienet KM Europa Metal AG (Osnabruck, il-Ġermanja); KME France SAS, li qabel kienet Tréfimétaux SA (Courbevoie, Franza); u KME Italy SpA, li qabel kienet Europa Metalli SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: M. Siragusa, A. Winckler, G.C. Rizza, T. Graf, u M. Piergiovanni, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, aġent, assistit minn C. Thomas, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2(c)(d)(e) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2003) 4820 finali, tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Tubi industrijali), u, min-naħa l-oħra, kontrotalba tal-Kummissjoni intiża għaż-żieda tal-ammont tal-imsemmija multi.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *KME Germany AG, KME France SAS u KME Italy SpA huma kkundannati għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 146, 29.5.2004.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Mejju 2009 — NVV et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-151/05)** [1]

***("Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Swieq tax-xiri ta' ħnieżer u ta' majjali nisa ħajjin iddestinati għall-qatla — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni — Definizzjoni tas-suq ġeografiku inkwistjoni — Obbligu ta' diliġenza — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2009/C 153/63)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Nederlandse Vakbond Varkenshouders (NVV) (Lunteren, l-Olanda); Marius Schep (Lopik, l-Olanda); u Nederlandse Bond van Handelaren in Vee (NBHV) (L-Aja, l-Olanda) (rappreżentanti: inizjalment minn J. Kneppelhout u M. van der Kaden, sussegwentement minn J. Kneppelhout, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komuniatjiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment minn A. Whelan u S. Noë, sussegwentement minn A. Bouquet u S. Noë, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Sovion NV (Best, l-Olanda) (rappreżentanti: J. de Pree u W. Geursen, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2004 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-ħidma tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ COMP/M.3605).

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Nederlandse Vakbond Varkenshouders (NVV), Marius Schep u Nederlandse Bond van Handelaren in Vee (NBHV) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u minn Sovion NV.*

[1] ĠU C 171, 9.7.2005